



# Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-31 ta' Jannar 2023

## Awdituri tal-UE: il-progress lejn suq intern tal-elettriku miexi bil-mod

- *Il-proġett għall-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali kollha tal-elettriku beda fl-1996*
- *Regoli kumplessi tal-UE u dgħufijiet fil-governanza dewmu l-integrazzjoni sħiħa*
- *Il-benefiċċji ekonomiċi ta' konverġenza akbar fil-prezzijiet għadhom ma ġewx sfruttati*

Skont rapport li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minkejja projezzjonijiet ambizzjużi u ċertu ammont ta' sforz, l-UE għamlet progress bil-mod lejn l-oġettiv tagħha li tgħaqqad is-swieq tal-elettriku biex tiżgura aċċess għal enerġija rħisa għaċ-ċittadini u n-negozji. Akkumula d-dewmien fl-akkoppjament tas-swieq nazzjonali tal-enerġija minħabba dgħufijiet fil-governanza tal-UE u minħabba sistema kumplessa ta' għodod regolatorji li jippermettu l-kummerċ transfruntier, element li żamm lura l-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq. Lanqas ma sar titjib suffiċjenti minkejja l-monitoraġġ tas-suq li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea u mill-ACER, li hija l-aġenzija tal-enerġija tal-UE. Il-miżuri ta' sorveljanza għar-restrizzjoni tal-abbuż u tal-manipulazzjoni ma avvanzawx biżżejjed, u dan ifisser li l-piż prinċipali tar-riskju fuq is-suq tal-elettriku tal-UE ngħadda lill-konsumaturi finali.

Fl-1996, l-UE bdiet proġett kumpless biex tintegra s-swieq nazzjonali tal-elettriku bis-sħiħ. L-għan kien li jitwasslu l-orħos prezzi tal-elettriku possibbli għall-konsumaturi u li l-provvista tal-enerġija tal-UE ssir aktar sikura. Madankollu, kważi 10 snin wara l-ikkompletar skedat tal-proġett fl-2014, is-suq għadu fil-prattika rregolat minn 27 qafas regolatorju nazzjonali. Bħalma enfasizzat il-kriżi tal-enerġija attwali, il-prezzijiet bl-ingrossa jvarjaw sinifikattivament minn Stat Membru għal ieħor u l-prezzijiet bl-imnut jibqgħu influwenzati bil-kbir mir-rati ta' tassazzjoni nazzjonali u mit-tariffi tan-network, minflok ma jkunu miftuħa għall-kompetizzjoni.

*"Minkejja l-ambizzjoni milqugħa u meħtieġa mill-UE, is-swieq tal-elettriku fl-Ewropa jistgħu jkunu ħafna aktar integrati,"* qal Mihails Kozlovs, il-Membru tal-QEA li mexxa l-awditu. *"Il-kriżi attwali tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja li ċ-ċittadini tal-UE qed jiffaċċjaw għamlitha saħansitra aktar urġenti għall-UE biex tiffinalizza s-suq intern tal-elettriku tagħha."*

Minkejja ċerti kisbiet kbar, il-progress lejn l-akkoppjament tas-swieq nazzjonali kollha tal-elettriku mexxa bil-mod bejn l-2015 u l-2021, u ma kienx uniformi fost ir-reġjuni u s-segmenti tas-suq tal-UE. L-ebda linja gwida tal-UE, għad li vinkolanti, ma kienet ittieħdet azzjoni sħiħa fuqha fl-Istati Membri, u lanqas ma kien sar progress sostanzjali fiż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera. L-awdituri jattribwixxu d-dewmien għall-għażla li l-Kummissjoni kienet għamlet tal-linji gwida tan-network li kellhom jiġu implimentati permezz ta' termini u kundizzjonijiet jew metodoloġiji, li minħabba fihom l-approvazzjoni saret ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) u tal-ACER. Dan ikkumplikta żżejjed l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-kummerċ transfruntier, u dewwimha. L-awdituri jisħqu li, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ma analizzatx suffiċjentement l-impatti tad-deċiżjonijiet tagħha dwar it-tfassil tas-suq u l-governanza. Il-monitoraġġ

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

tal-konsistenza tal-infurzar tar-regoli mill-Istati Membri kien fil-biċċa l-kbira devolut lill-ACER. Madankollu, l-awdituri sabu li l-monitoraġġ u r-rappurtar imwettqa mill-ACER kienu insuffiċjenti, b'mod partikolari minħabba *data* insuffiċjenti, riżorsi skarsi u koordinazzjoni fqira mal-Kummissjoni.

Is-sorveljanza tas-suq biex tidentifika u tiskoraġġixxi l-abbuż u l-manipulazzjoni tas-suq ukoll ma kinitx kompleta. L-awdituri jikkonkludu li l-approċċ tal-ACER għall-ġbir ta' *data* ma kienx komprensiv, u l-valutazzjoni tagħha tad-*data* li fil-fatt ġabret kienet tkopri firxa dejqa wisq ta' mgħiba abbużiva. L-ACER allokat ukoll riżorsi insuffiċjenti għall-analiżi tad-*data* u ma setgħetx tappoġġa investigazzjonijiet dwar il-volum dejjem jikber ta' abbuż tas-suq transfruntier suspettat. L-awdituri jwissu li l-produtturi, il-fornituri u s-sensara tal-elettriku kollha jistgħu jisfruttaw il-lakuni jew – agħar minn hekk – li l-Istati Membri jistgħu jikkompetu biex jipprovdu l-aktar ambjent permissiv f'termini ta' penali u infurzar. Fl-istess ħin, l-ACER ma għandhiex is-setgħa biex tiżgura li l-Istati Membri jinforzaw ir-regoli b'mod konsistenti.

### Informazzjoni ġenerali

L-UE tikkondividi mal-Istati Membri r-responsabbiltà għall-politika tal-enerġija. Huwa mistenni li l-kummerċ transfruntier tal-elettriku jippermetti li n-negozji u ċ-ċittadini fl-UE kollha jkollhom aċċess għall-irħas enerġija disponibbli. L-awdituri vvalutaw kemm kien tajjeb il-kontribut li kien sar, bis-saħħa tal-approċċ regolatorju tal-Kummissjoni u bis-saħħa tas-sorveljanza tas-suq mill-ACER, għall-oġġettiv tal-UE li jkun hemm suq intern tal-elettriku li jiffunzjona sew. Huma ħarsu lejn il-perjodu bejn l-2015 sa tmiem l-2021, u prinċipalment iffukaw fuq is-swieq tal-elettriku bl-ingrossa.

Ir-Rapport Speċjali 03/2023 tal-QEA "Integrazzjoni tas-suq intern tal-elettriku: Arkitettura legali kumplessa, dewmien, dgħufijiet fil-governanza u sorveljanza tas-suq inkompleta jfixklu l-ilħuq sħiħ tal-oġġettiv ambizzjuż" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) – M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) – M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) – M: (+352) 691 551 502